QORTI CIVILI
(SEZZJONI TAL-FAMILJA))

IMHALLEF

Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)

Illum 6 ta' April, 2017

Rikors Guramentat : 252/12 AL

A B

vs

C D B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

Dikjarazzjoni tal-Fatti

Illi l-partijiet kkuntrattaw iz-zwieg bejniethom fit-8 ta' Settembru 2005 skont ic-certifikat taz-zwieg taghhom hawn anness u mmarkat bhala Dok 'AC 1';

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhom ebda tfal;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment billi l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante li huwa hati versu l-attrici ta' mohqrija,

minacci, insulti, ingurji gravi u eccessi, u kif ukoll minhabba inkompatibilita' serja ta' karattri, u dana kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kontendenti m'ghadhomx jghixu taht l-istess saqaf;

Illi l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istanti permezz tad-digriet appostitu tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), Digriet Numru 1587/12 (Ittra Numru 860/12), hawn annessi l-ittra u d-Digriet bhala Dok "AC 2";

Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-attrici;

Raguni ghat-Talbiet f'Dawn il-Proceduri

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment billi l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibbli, stante li huwa hati versu l-attrici ta' mohqrija, minacci, insulti, ingurji gravi u eccessi, u kif ukoll minhabba inkompatibilita serja ta' karattri, u dana kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk qed tintalab is-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

Talbiet Attrici

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, previa kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza lilll-attrici tghix separatament minn mal-konvenut;

Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment xieraq lill-attrici pagabbli direttament minghand l-imghallem tal-konvenut li huwa impjegat jew b'sistema li tkun konvenjenti lill-attrici;

Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mill-attrici u tiddikjara fic-cirkostanzi li l-konvenut iddekada u m'huwiex intitolat jitlob jew jippercepixxi ebda forma ta' manteniment minghand l-attrici;

Ixxolji u tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjment ugwali u tassenja porzjon lill-attrici u porzjon lill-konvenut *ope sententiam*. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u mmobbli dotali u/jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/jew parafernali taghha, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti;

Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Pace";

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Medjazzjoni kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa : (fol. 29)

Illi l-esponenti jaqbel mal-ewwel talba attrici u li din il-Qorti ghandha tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet izda dan minhabba tortijiet unikament attribwibbli lill-attrici kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi dwar it-tieni talba tal-attrici, l-esponenti jirrileva li l-intimata ddekadiet minn tali dritt ghall-manteniment, tant illi ghandha anki tarbija minghand haddiehor, liema tarbija giet koncepita fiz-zwieg li hi kellha mal-esponenti u l-esponenti kellu jaghmel kawza kontra l-attrici sabiex it-tarbija li kellha ma tibqax registrata fuqu;

Illi t-tielet talba tal-attrici ghandha tigi michuda u dana stante li mhux minnu li l-esponenti iddekada minn ebda drittijiet u ghaldaqstant l-attrici ghandha tigi kkundannata sabiex thallas manteniment adegwat ghall-esponenti, anki tenut kont tal-fatt li huwa sofra dizabilita permanenti wara li korra waqt incident tat-traffiku sfortunat;

Illi dwar ir-raba talba u cioe sabiex tigi likwidata l-kommunjoni tal-akkwisti, l-esponenti jecepixxi li huwa jaqbel ma din it-talba u li din il-Qorti ghandha xxolji u tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti taqsamha f'zewg porzjonijiet;
Illi dwar il-hames talba, l-esponenti jirrileva li l-partijiet la ghandhom proprjeta immobbli, mobbli jew flus li jappartjenu lill-kommunjoni salv ghall-arlogg tad-ditta Rolex, diversi gojelli ta' ditta remomati, diversi djamanti u affarijiet ohrajn ta' valur li kienu xtraw il-partijiet fiz-zwieg u diversi djun li ghamlu t-tnejn flimkien;
Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici li hi minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-affidavits ippreżentati u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Jannar 2015, illi permezz tiegħu il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u ddikjarat illi r-reġim matrimonjali b'effett mid-data tas-sentenza jkun is-separazzjoni tal-assi;

Rat id-digriet tagħha tal-lum stess it-6 t'April 2017, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi sabiex it-talba għal separazzjoni, fil-kawża odjerna, titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[1].

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, sostitwita b'kawża ta' divorzju.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur u għan-nota ġuramentata tal-attriċi li permezz tagħhom l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna. Hija titlob li l-Qorti:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba adulterju, moħqrija, minaċċi, inġurji gravi u eċċessi u, minħabba inkompatibilita` serja ta' karattri;
- Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment xieraq lill-attriċi;
- Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tal-Artikoli 48 sa 52 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet; tillikwidaha u tassenjaha;
- Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attriċi l-beni dotali u parafernali tagħha;
- Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha "Pace";

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-provi f'din il-kawża kienu mill-iktar skarsi u skjetti. Il-konvenut ma tax ix-xiehda tiegħu u minkejja d-diskrepanzi kbar fil-verżjonijiet tal-partijiet dwar l-aspetti kollha tal-kawża, ma saru ebda kontro-eżamijiet tax-xhieda prodotti, sabiex toħroġ il-verita` tal-fatti u l-Qorti jirnexxielha tasal għas-sentenza b'mod iktar informat. Huwa prinċipju legali qadim u rikonoxxut illi *quod non est in acta, non est in mundo* u għalhekk il-Qorti ma tistax għajr tgħaddi għall-konsiderazzjonjiet u l-ġudizzju tagħha fuq dak li huwa fil-proċess.

## 1. Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

L-attriċi tattribwixxi lil żewġha diversi tortijiet inkluż l-adulterju. Il-konvenut isostni li ż-żwieġ tagħhom tkisser minħabba tortijiet attribwibbli lill-attriċi, liema tortijiet huwa ma jispeċifikax, għalkemm isostni li martu għandha tarbija mingħand ħaddieħor, liema tarbija ġiet konċepita fiż-żwieġ u li hu kellu jagħmel kawża kontra martu sabiex it-tarbija ma tibqax reġistrata fuq ismu.

### 1.1 Provi prodotti

Il-partijiet iżżewġu nhar it-8 ta' Settembru 2005 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pietru fil-Ktajjen ġewwa Birżebbuġa[2]. Minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal.

Fin-nota ġuramentata tagħha[3] l-attriċi tispjega li tixtieq tissepara għal tliet raġunijiet:

1. għaliex wara ħames xhur taż-żwieġ qabditu ma' mara oħra;
2. ma riedx tfal wara ż-żwieġ;
3. il-konvenut kien afflitt minn problema kbira ta' droga li ma riedx joħroġ minnha;

Permezz tal-affidavits tagħha[4], l-**attriċi** tispjega illi hija ltaqgħet mal-konvenut fis-sena 1999, u wara sena u nofs għerusija, meta għalqet tmintax-il sena, hija daħlet tgħix miegħu fir-residenza tal-ġenituri tiegħu. Tgħid li telqet mid-dar tal-ġenituri tagħha għaliex huma ma riduhiex tkompli r-relazzjoni tagħha mal-konvenut għaliex kellu nisa oħra, ħaġa li dak iż-żmien m'emmnithiex.[5]

Iżżewġu fl-2005 u f'Awwissu 2007 hija telqet definittivament mid-dar tal-ġenituri tiegħu wara argument illi kellhom għaliex il-

---

[2] Ċertifikat taż-żwieġ huwa esebit fol. 5
[3] Fol. 21
[4] Affidavit fol. 22 u affidavit ulterjuri fol. 39
[5] Omm l-attriċi, fl-affidavit tagħha, fol. 89, tgħid li d-diżgwid kien għaliex fetħulha għajnejha li kien jieħu d-drogi.

konvenut għeb mid-dar għal tlett'ijiem u ma tahiex spjegazjoni fejn mar u ma min kien.

Tgħid li meta ltaqgħet mal-konvenut huwa kien qed jaħseb biex jiftaħ in-negozju tiegħu bl-isem Crocker Jeans Station. Hija kienet telqet mill-impjieg tagħha ġewwa fabbrika, u marret taħdem miegħu fejn damet seba' snin. Ma kienx jagħtiha paga fissa iżda xi ħaġa tal-flus kull ġimgħa biex tgħaddi biha, u dana anke wara ż-żwieġ; Kien jgħidilha li peress li kienu jirrisjedu mal-ġenituri tiegħu, hija ma kellhiex bżonn flus. Minkejja li kienet titolbu jagħmillha l-ktieb tax-xogħol huwa kien jirrifjuta li jagħmel dan. Inoltre`, minkejja li kienet tagħmel id-depożiti perċepiti mill-ħanut, hija ma kellhiex aċċess biex tiġbed il-flus mill-istess kontijiet; Dwar dan omm l-attriċi **Mary Lourdes Pace**[6] tikkonferma li minkejja li bintha kienet taħdem sigħat twal fil-ħanut, C ma kienx jagħtiha paga. Xi kultant kien jagħtiha xi ħaġa żgħira tal-flus. Jekk tieħu xi ħaġa mill-ħanut trid tħallas għaliha[7]. Tgħid ukoll li kważi ta' kuljum, A u C D kienu jmorru d-dar tagħha u hi kienet tippreparalhom l-ikel.

L-attriċi ssostni illi wara ħames xhur taż-żwieġ kienet qabdet lill-konvenut ma' mara oħra. Tispjega illi minn Novembru sa Diċembru 2005, kien hemm drabi fejn kien joħroġ il-ħin kollu u la jmur id-dar u lanqas ix-xogħol. Meta ċċempillu kien jgħidilha biex ma tindaħalx fl-affarijiet tiegħu. F'Jannar 2006, ċertu Ivan Hammett, il-bestman tat-tieġ tagħhom, informaha li C talbu l-assistenza għax waqfitlu l-karozza u meta mar jassistih, kien sabu ma' mara oħra u bintha. Wara ftit, marret tagħmel l-għassa fl-indirizz 37, Welcome Flats, Triq is-Sajjied, Żurrieq, fejn rat il-karozza tal-konvenut ipparkjata. Bdiet iċċempillu u ma rrispondihiex, għalhekk ċemplet lil-ġenituri tiegħu u lill-Pulizija. C D ħareġ jgħajjat mill-appartament ma' mara li wara saret taf li jisimha Nathalie Gatt.

Inkwiet ieħor li kellhom il-koppja kien li l-konvenut ma riedx tfal. Qabel ma żżewġu kien jgħidilha li ried jistenna saż-żwieġ biex

---

[6] Affidavit fol. 89

[7] Fatt li l-attriċi ma ssemmihx

ikollhom it-tfal, iżda wara ż-żwieġ qalilha li xorta waħda ma riedx tfal.

L-attriċi żżid li C għandu dipendenza fuq id-droga u li ma riedx jagħmel il-programm. Tgħid li l-konvenut mill-bidu nett tar-relazzjoni tagħhom kien diġa jabbuża mid-droga, għalkemm fil-bidu ma kinitx problema kbira għax l-użu kien *recreational*. Madankollu, huwa kien jieħu l-methadone. Ġieli s-*salesgirls* sabu s-siringi fil-ħwienet tal-ħwejjeġ li kellu. Meta kienu waslu biex jiżżewġu, hija kienet sabet is-siringi fuq id-dgħajsa tal-konvenut u għalhekk ikkonfermat li kien għadu qed jieħu d-droga bil-moħbi. Kien wiegħedha li ser jieqaf jieħu d-droga iżda dan qatt m'għamlu. Meta ġew lura Malta mill-qamar il-għasel, huwa wassalha d-dar u mar dritt jixtri d-droga. Dan tafu għaliex mar lura d-dar b'għajnejh ħomor u ħarsa stramba fuq wiċċu. Idejh kienet tidher immarkata fejn kien ittaqqab bis-siringi. Reġgħet ikkonfrontatu u qaltlu li ser titlaq, iżda hu beda jibki u jitkarrbilha biex ma titlaqx. Stante li lanqas kien ilhom xahar miżżewġin, hija tatu ċans ieħor. Hi provat tgħinu iżda hu rribella kontriha u qaliha li jekk ma jogħġobhiex tista' titlaq għax dik kienet ħajtu u ma kienx lest li jibdilha la għaliha u lanqas għal ħaddieħor.

Wara l-inċident taż-Żurrieq, l-attriċi telqet mid-dar tal-ġenituri tiegħu, marret tgħix ftit[8] għand il-ġenituri tagħha sakemm kriet post f'Wied il-Għajn. Tliet xhur wara l-konvenut mar ifittixha biex taħfirlu. Qalilha li kien temm ir-relazzjoni tiegħu ma' Nathalie Gatt u wiegħedha li ser jagħmel il-programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga. Għalhekk hi tatu ċans ieħor u reġgħet marret lura fid-dar tal-ġenituri tiegħu.

F'Lulju 2006, indunat li l-affarijiet xejn ma tbiddlu u li l-konvenut kien għadu qed jabbuża mid-droga. Tlett'ijiem qabel ma kellu jidħol jagħmel il-programm, marret id-dar għall-għarrieda u sabitu fi stat ħażin taħt l-effett tad-droga. Taħt is-sodda tagħhom sabet ammont ta' siringi. Infurmat lil C li ser titilqu darba għal dejjem u kien weġibha "Ħaffef u ddumx biex tippakkja u titlaq."

[8] Ommha tixhed ili damet sena u nofs għandha.

Taf li kellu diversi nisa oħra wara li temmew ir-relazzjoni, waħda minnhom kienet tgħix miegħu fir-residenza tal-ġenituri tiegħu.

Riċentement saret taf ukoll mill-mezzi tax-xandir li weħel il-ħabs fuq serq u fuq traffikar tad-droga.

Preżentement, l-attriċi tgħix f'appartament mikri[9] flimkien ma' binha Silvio Jake Sammut Pace. Hija ma taħdimx u tirċievi l-benefiċċji soċjali ta' €444.48 kull erba' ġimgħat.[10]

Xehed ukoll **Dr. Moses B**[11], tabib mal-Aġenzija Sedqa, li jagħti l-għajnuna mid-Detox fl-Isptar San Luqa. Il-konvenut ilu pazjent tiegħu mill-1998 fejn huwa kellu użu u dipendenza fuq id-droga eroina. Kienu jipprovdulu l-methadone biex tnaqqaslu jew twaqqaflu l-bżonn tal-erojina. Sad-data tad-depożizzjoni tiegħu, ix-xhud kien għadu jara lill-konvenut li kien jinsab tajjeb ħafna. Ma kienx għadu jieħu erojina u kien fuq ftit doża ta' methadone. Matul is-snin, kien jieħu l-methadone regolarment. Il-konvenut qatt ma qata' l-kuntatt mad-Detox. Kien hemm żmien meta l-konvenut kien qed jieħu wkoll il-kokaina, kif kien jirriżulta mit-testijiet tal-awrina u milli kien jgħid il-konvenut. Kien għamel żmien *clean* mill-abbuż tad-droga, bħal f'Marzu 2002.

Il-verżjoni konvenuta hija ferm differenti. Kif diġa ntqal l-intimat ma tax ix-xiehda tiegħu f'dawn il-proċeduri. Xehdu l-**ġenituri tiegħu** permezz tal-affidavit[12] fejn taw verżjoni kemmxejn differenti. Huma jallegaw illi l-partijiet qabdu l-vizzju tad-droga flimkien u li minħabba l-vizzju li kellhom kienu jaħarqu l-flus kollha li kellhom. Missier il-konvenut jgħid li kienu jitilgħu għall-*weekends* għand xi persuna l-Fgura u kienu jidħlu lura s-Sibt jew il-Ħadd imdamdmin b'ammont eċċessiv ta' droga. Saħansitra fil-ħanut kienu deħlin u ħerġin it-*toilet* flimkien. Jgħidu li l-konvenut lill-attriċi kien tassew iħobbha u qatt ma sawwatha jew ħaqarha.

---

9 Riċevuti tal-kera huma esebiti fol. 52 u 53
10 Dokumenti esebiti fol. 54 et seq.
11 Fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia nhar it-23 ta' Frar 2015, fol. 80
12 L-affidavit ta' Joseph B, missier il-konvenut, huwa esebit fol. 94 filwaqt illi dak ta' Doris B, omm il-konvenut jinsab esebit fol. 98

Parti kbira mill-affidavit rispettiv tagħhom huwa ddedikat għall-ġid materjali li binhom kien jipprovdi lill-attriċi bħalma huwa tieġ tal-miljunarji, karozzi lussużi, ġojjelli u djamanti. Jikkonkludu li binhom kellu inċident serju tat-traffiku li bidillu ħajtu mil-lejl għan-nar. Beda jfittex lil Alla billi jattendi l-komunita` "River of Love", qata' l-vizzju tad-drogi u reġa qiegħed jistudja.

## 1.2 Dwar l-Adulterju

L-adulterju huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: "***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".[13] Di piu, l-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[14]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[15] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*".

## 1.3 Dwar l-eċċessi, l-moħqrija, l-minaċċi u l-inġurji gravi

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula: "***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi***

[13] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[14] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP)
[15] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP)

***wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[16] ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[17] imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-**moħqrija**, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[18] bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[19]**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, **l-inġurji jew offiżi gravi** ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".* Fis-

[16] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[17] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[18] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[19] Vol. XLV C.ii.708

sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom.”*

L-**eċċessi** ġew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud: *“eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta’ serjeta` kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta’ perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra”*.

### 1.4 Applikazzjoni tal-prinċipji legali għall-każ odjern

Il-Qorti hija tal-fehma illi hemm biżżejjed indizji sabiex tkun moralment konvinta illi l-konvenut ripetutament wettaq adulterju fil-konfront ta’ martu. Temmen il-verżjoni tal-attriċi dwar ir-relazzjoni li kellu l-konvenut ma ċertu Nathalie Gatt, meta kien ilhom biss ftit xhur miżżewġin.

Min-naħa tagħha, l-attriċi hija wkoll ħatja ta’ adulterju fil-konfront ta’ żewġha, għaliex minkejja li sal-lum il-partijiet għadhom miżżewġin bl-obbligu tal-fedelta` fil-konfront ta’ xulxin, hija għandha tarbija barra miż-żwieġ, tifel li jismu Silvio Jake Sammut Pace u mhuwiex iben il-konvenut. Mhuwiex faċli li jkun stabbilit jekk din ir-relazzjoni adultera tal-attriċi seħħitx qabel jew wara l-firda *de facto* tal-partijiet, għaliex filwaqt li hija ssostni li ġrat ferm wara, il-ġenituri tal-konvenut isostnu li ftit wara li telqet mid-dar, saru jafu li kienet tqila minn ħaddieħor. Il-Qorti ma tafx kemm “ftit” wara li telqet mid-dar l-attriċi ħarġet tqila, lanqas biss taf id-data tat-twelid tal-minuri.

Rigward l-allegazzjoni tal-attriċi li l-konvenut kien dipendenti mid-droga, dwar tali allegazzjoni, l-Qorti għandha quddiemha x-xiehda indipendenti u affidabbli tat-tabib kuranti tiegħu Dr. Moses B. Mill-istess depożizzjoni jirriżulta li fl-1998, il-konvenut kien diġa dipendenti mid-droga tant li kien fittex l-għajnuna u jieħu l-methadone sabiex inaqqas jew ineħħi d-dipendenza tiegħu. Għaldaqstant hija nġusta l-allegazzjoni ta’ missier il-konvenut li jgħid li l-partijiet qabdu l-vizzju flimkien, għaliex meta

Itaqgħu, il-konvenut kien diġa dipendenti mill-erojina. Illi in vista ta' dan, il-Qorti tagħżel li tagħti kredibilita` lill-verżjoni tal-attriċi u temmen li hija kienet tinsisti miegħu biex jaqta' dan il-vizzju. Bla dubju, d-dipendenza tal-konvenut fuq sustanzi lleċiti għamlet il-ħajja konjugali insapportabbli u minħabba f'dan il-vizzju, l-Qorti ssib lill-konvenut ħati ta' sevizzi u nġurji gravi fil-konfront ta' martu, anke għaliex dan ma kienx teħid sporadiku tad-droga iżda teħid konsistenti matul il-ħajja konjugali, anke jekk qasira, kollha.

Inoltre, l-Qorti ssib ukoll sevizzjuz l-aġir tal-konvenut illi jċaħħad lill-attriċi milli jkollhom tarbija, meta huwa magħruf u stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna illi l-prokreazzjoni tal-ulied hija waħda mill-elementi essenzjali taż-żwieġ.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan il-Qorti tirrileva li m'hemm ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija tal- konvenut li rrenda ruħu ħati ta' adulterju, inġurji gravi u moħqrija (sevizzi) fil-konfront tal-attriċi. Ir-rikorrenti nnifisha m'hijiex eżonerata minn kull ħtija, iżda hija wkoll ħatja fil-konfront ta' żewġha stante l-adulterju tagħha.

### 1.5 Dwar it-talba għall-pronunzjament tad-divorzju

Rigward it-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Kif intqal, il-Qorti diġa laqgħet it-talba għall-konverżjoni tal-azzjoni tas-separazzjoni f'divorzju. Jonqos għalhekk illi l-Qorti tevalwa jekk it-talba għax-xoljiment taż-żwieġ ossija d-divorzju, għandhiex tiġi akkolta.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, l-Qorti trid tkun sodisfatta li:

(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[20]

L-attriċi tallega, u m'hijiex kontradetta, li hija telqet mid-dar matrimonjali f'Lulju 2006. Wara dik id-data, il-partijiet qatt ma reġgħu irrikonċiljaw u baqgħu jgħixu separatament sal-preżenti. Fil-fatt, l-attriċi llum għandha l-familja ġdida tagħha u l-konvenut ukoll jgħix ħajja ndipendenti minn martu. It-talba għad-divorzju ġiet intavolata fis-26 ta' Novembru 2015.

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom de facto separati għal iktar minn ħdax-il sena, m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar- rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

2. **<u>Dwar il-Manteniment</u>**

Għalkemm permezz tat-talbiet tagħha fir-rikors ġuramentat, l-attriċi titlob manteniment adegwat mingħand żewġha, fin-nota ġuramentata tagħha[21], l-attriċi tgħid li hija ma tridx manteniment mingħand żewġha u li hija ma tridx tħallas manteniment għalih.

L-intimat isostni li martu ddekadiet mid-dritt illi titlob il-manteniment mingħandu stante l-adulterju tagħha, filwaqt li huwa ma ddekadiex mid-dritt tiegħu ta' manteniment mingħand l-attriċi u li martu għandha tiġi kkundannata tħallas

[20] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.
[21] Fol. 21

manteniment adegwat għalih anke tenut kont li huwa sofra diżabilita' permanenti wara li korra f'inċident tat-traffiku. Il-Qorti tirrileva illi t-talba tal-konvenut kif dedotta f'waħda mill-eċċezzjonijiet tiegħu, qatt ma tista' tingħata konjizzjoni mill-Qorti, u li se mai kellha tiġi ntavolata permezz ta' kontro-talba appożita.

Fi kwalukwe każ, il-Qorti iktar 'il quddiem sabet lill-partijiet ħatja t'adulterju fil-konfront ta' xulxin u konsegwentement, anke tenut kont ta' dak li ser jiġi elaborat fil-paragrafu sussegwenti, qiegħda tiddikjara illi l-partijiet iddekadew mid-dritt tagħhom illi jitolbu u/jew jipperċepixxu manteniment mingħand xulxin.

3. **<u>Dwar l-applikazzjoni tad-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 sa 52</u>**

Permezz tat-tielet talba tagħha, l-attriċi talbet illi dina l-Onorabbli Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha jew *in parte* tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-firda personali motivata mill-abbandun u l-adulterju ġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula: ***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[22];***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

[22] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Fil-każ odjern, iż-żewġ partijiet huma ħatja ta' adulterju fil-konfront ta' xulxin. Fuq talba tal-attriċi sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 iċċitat, il-Qorti, ladarba sabet il-ħtija tal-adulterju, m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba attriċi f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tal-ħtijiet tal-attriċi stess, li wkoll hija ħatja t'adulterju, anke jekk m'huwiex ċar jekk l-istess adulterju tagħha kienx fost il-kawżi għat-tifrik taż-żwieġ bejn il-partijiet, jew sarx in segwitu u bħala konsegwenza tal-istess tifrik taż-żwieġ, il-Qorti għandha l-fakolta` illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili, u minkejja n-nuqqas tat-talba appożita mill-konvenut, tapplika wkoll l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 fil-konfront tal-attriċi, kif effettivament sejra tagħmel.

## 4. <u>Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>

Kif diġa ġie rilevat, il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ġiet xolta permezz tad-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Jannar 2015; Mill-imsemmija data r-reġim matrimonjali bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni tal-assi;

Dwar il-konsistenza tal-komujoni tal-akkwisti, l-attriċi telenka s-segwenti debiti[23]:

a. Dejn ta' ċirka €15,000 mal-HSBC Bank Malta p.l.c. fil-kont innumerat 047-101704-300; Dan kien dejn relatat man-negozju tal-konvenut;
b. Dejn ta' ċirka €65,070.12 ma' Autosales Limited (C-491) oltre l-imgħaxijiet mis-27 ta' Mejju 2009. L-attriċi kienet infurmata illi fuq dan id-dejn kellha ssir subbasta imma ma tafx x'sar minnha;

Tgħid, fl-affidavit ulterjuri tagħha, li mir-riċerka li għamlet meta bdiet il-proċeduri odjerni, sabet illi l-konvenut kellu ħafna dejn, kemm ma' kumpaniji privati, kif ukoll mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u tal-Valur Miżjud, liema dejn jammonta għal madwar €300,000.

Fl-atti tar-rikors għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet, hija esebit is-segwenti mandati:

c. Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv innumerat 602/11 għall-ammont ta' €251,377.65 oltre l-imgħax u l-ispejjeż dovuti minn C D B I.D. 149280(M) lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;
d. Mandat ta' Qbid Eżekuttiv innumerat 384/12MB għall-ammont ta' €1500 oltre l-imgħax u l-ispejjeż dovuti minn C D B u Keith Seychell lil Eden Entertainment Limited;
e. Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv innumerat 164/12 għall-ammont ta' €3727 oltre l-imgħax u l-ispejjeż dovuti minn C D B I.D. 149280(M) lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni;
f. Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv innumerat 2601/11 għall-ammont ta' €802.86 oltre l-imgħax u l-ispejjeż dovuti minn C D B I.D. 149280(M) lil GO p.l.c.;

Tinsisti li hi ma tafx kif sar dan id-dejn stante li ma segwietx il-passi tal-konvenut meta telqet mid-dar, oltre li l-partijiet ma żammew ebda komunikazzjoni flimkien. Tinsisti li meta kienu

---

[23] Fin-nota ġuramentata tagħha ppreżentata fis-27 ta' Novembru 2012

flimkien, hija kienet tgħinu fil-ħwienet bħala *salesgirl* u ma kinitx tidħol fl-aspett tat-tmexxija tal-ħwienet. Kien jieħu ħsieb kollox il-konvenut u ma jgħidilhiex x'inhu jiġri. Meta kienu jċemplu kultant kredituri jitolbu l-flus, hija kienet tgħaddi l-messaġġ lil C u kien jinformaha li ser jagħmel il-pagamenti neċessarji. Iżżid li għalkemm il-files tal-business kienu jkunu l-ħanut, hija ma kinitx tifhem il-kontenut tagħhom għax għandha livell bażiku biss t'edukazjoni. Dan huwa kemmxejn kontradett mix-xiehda t'omm l-attriċi Mary Lourdes Pace, illi tgħid *"A kienet qaltli li C D kien qiegħed jordna x-xogħol għal ħanut pero ma jħallasx għalih. In oltre C kien ibiddel ħafna l-karozzi u dejjem kien ipartat għal mudell aħjar."*

Il-konvenut fir-risposta ġuramentata tiegħu jgħid illi l-komujoni tal-akkwisti tikkontjeni: arloġġ tad-ditta Rolex, diversi ġojjelli ta' ditti renomati, diversi djamanti u affarijiet oħrajn ta' valur u diversi djun; Il-ġenituri tiegħu, permezz tal-affidavit tagħhom, isemmu li fiż-żwieġ il-partijiet akkwistaw ġojjelli bħal brillanti u djamanti, karozzi lussużi u anki BMWs u Mercedes, kif ukoll handbags ta' ditti rinomati li jiswew ħafna flus.

Il-Qorti m'hijiex konsapevoli x'sar minnhom dawn id-djun u minn meta u għaliex jirrisalu. Huwa possibbli li jirrisalu sa minn qabel iż-żwieġ bejn il-partijiet, għaliex il-konvenut beda jopera n-negozju tiegħu ċirka fis-sena 1999. Huwa possibbli wkoll li d-debiti m'humiex abbinati man-negozju tal-konvenut. Il-provi huma kollha inċerti.

Il-Qorti hija tal-fehma li, in vista li d-debiti huma kollha f'isem il-konvenut waħdu, il-prova li dawn id-debiti jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti u mhux lilu waħdu, kellha tinġieb mill-konvenut. Inoltre setgħet tinġieb biss mill-konvenut stante li m'huwiex kontradett li kien hu waħdu li jieħu ħsieb in-negozju u l-attriċi kienet sempliċiment salesgirl f'wieħed mill-ħwienet. Inoltre, il-kotba tal-kummerċ huma fil-pussess tiegħu. Mhuwiex kontradett lanqas li kien il-konvenut li kien jikkontrolla l-infiq mhux biss tan-negozju iżda wkoll tal-koppja. Il-ġenituri tiegħu

dejjem tkellmu fis-sens li hu “kien jixtrilha”, “kien iżommha” u “kien jagħtiha” u cioe kien jakkwista kollox il-konvenut li kellu l-pussess tal-flus u jonfoqhom fid-diskrezzjoni tiegħu u mhux l-attriċi.

Tenut kont tan-nuqqas ta’ prova ċara ta’ meta saru d-debiti u allura jekk jappartjenux lill-komunjoni tal-akkwisti o meno, tenut kont ukoll tal-qosor tal-konvivenza matrimonjali tal-partijiet, kif ukoll li l-ammistrazzjoni tal-flus bejn il-konjuġi kienet fdata unikament u esklussivament f’idejn il-konvenut, il-Qorti qiegħda tassenja kwalunkwe debitu li jirriżulta qabel id-data tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u cioe qabel is-16 ta’ Jannar 2015, lill-konvenut, filwaqt li tillibera lill-attriċi minn kwalsiasi responsabilita` fuq l-istess dejn.

Dwar il-mobbli msemmija mill-konvenut u l-ġenituri tiegħu, il-Qorti m’għandha l-ebda prova tal-eżistenza tagħhom, tal-valur tagħhom u ossia għand min mill-partijiet effettivament jinsabu preżentement. In vista ta’ dan in-nuqqas ta’ provi, l-Qorti ma tistax taqsam dawn l-oġġetti u tassenjahom bejn il-partijiet.

## 5. Dwar il-krediti dotali u parafernali tal-attriċi

Dawn l-oġġetti, b’ebda mod ma ġew indikati, elenkati jew ippruvati fil-mori tal-proċeduri u għalhekk it-talba tal-attriċi f’dan ir-rigward ma ġietx minimament ippruvata. Kwindi l-istess talba qed tiġi miċħuda fuq nuqqas ta’ provi.

## 6. Dwar kunjom l-attriċi

Illi permezz tar-rikors tagħha tat-28 ta’ Mejju 2015, l-attriċi talbet lill-Qorti tawtorizzaha żżid talba oħra fir-rikors ġuramentat u cioe li talba li tawtorizzaha tirriverti għal kunjom xbubitha u cioe Pace. Illi l-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi permezz ta’

digriet iddatat it-30 ta' Mejju 2015[24]. Illi in segwitu[25], l-konvenut ippreżenta nota illi permezz tagħha ddikjara illi huwa ma jopponix għat-talba tal-attriċi li tirriverti għal kunjom xbubitha Pace.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tgħaddi sabiex tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża**,** billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet;

[2] Tiċħad it-tieni talba u tiddikjara illi l-partijiet iddekadew mid-dritt illi jitolbu u jipperċepixxu manteniment mingħand xulxin;

[3] Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti u tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta; Inoltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52, tapplika wkoll kontra l-attriċi l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti billi tiddikjara illi l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ġja ġiet xolta permezz tad-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Jannar 2015; tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti billi tassenja kwalunkwe debitu li jirriżulta qabel is-16 ta' Jannar 2015, lill-konvenut filwaqt li tillibera lill-attriċi minn kwalsiasi responsabilita` fuq l-istess dejn.

[5] Tiċħad il-ħames talba tal-attriċi;

[24] Fol. 102
[25] Fit-3 t'Awwissu 2016

[6] Tilqa’ s-sitt talba tar-rikorrenti billi tawtorizzaha tirriverti għal kunjom xbubitha Pace;

[7] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, in vista tal-ħtijiet rispettivi tal-partijiet fit-tkissir taż-żwieġ u wkoll tenut kont tal-fatt li l-intimat qatt ma deher għas-seduti tal-medjazzjoni, dawn ikunu sopportati kwart mill-attriċi u tliet kwarti mill-konvenut.